## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 137/2021

Seduta tas-26 ta' Lulju 2021

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Colin Pavia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Colin Pavia, detentur tal-karta tal-Karta tal-Identita' numru 427275M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xahar ta' Ottubru 2020, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Sharon Caruana u/jew lil ulieda is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Mejju, 2021 li fl-ahhar parti tieghu hemm registrat illi "*Il-Qorti qed tichad it-talba tal-Ufficjal Prosekutur u stante li il-parte civile naqset milli tidher ghal dawn il-proceduri, wara li giet debitament notifikata, qed tillibera lill-imputat fuq nuqqas ta' provi. Liberat" ;*

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Mejju 2021, li bih talab lil din il-Qorti **thassar** is-sentenza appellata u tiddisponi mill-kaz skond il-ligi;

Rat il-fedina penali tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell mressaq mill-Avukat Generali bi gravam singolari li l-ewwel Qorti ppekkat meta ma laqghetx it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-differiment u hrug ta' mandat kontra x-xhud taghha li naqset milli tidher minkejja li debitament notifikata u minflok ghaddiet biex tillibera lill-imputat f'kawza li kienet istitwita *ex officio* u mhux fuq istanza tal-parti;

2. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra u fi tfittxija fl-atti ghas-sentenza tal-ewwel Qorti jirrizulta illi in atti ma hemmx is-sentenza tal-ewwel Qorti. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali irid illi meta l-Qorti taghti s-sentenza taghha, ghandha tghid il-fatti tal-kaz, tiddikjara lill-imputat hati jew le u tindika dawk l-artikoli tal-ligi li dwarhom tkun instabet htija. Issa, oltre dan, u kif palezament akkolt fil-gurisprudenza, is-sentenza tal-Qorti hija dik li tkun iffirmata mir-Registratur. Fil-kaz odjern, il-Qorti tosserva illi ma kienx hemm ottemperanza ma' diversi minn dawn

ir-rekwiziti tant illi in atti ma hemm l-ebda sentenza vera u proprja;

3. Illi fil-parti introduttorja ta' dan l-appell, il-Qorti ma rrapurtatx fil-forma brevi s-sentenza tal-ewwel Qorti dwar il-fatti imputati. Dan proprju ghaliex sentenza ma hemmx. L-unika registrazzjoni ta' dak li sehh quddiem l-ewwel Qorti, apparti l-verbali tas-seduti, huma il-kliem *"Liberat Nuqqas ta' Provi 3.05.2021"* u il-firma tal-Magistrat decident, liema allura jitqiesu biss bhala appunti jew notamenti tal-Qorti;

4. Il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinoltra fit-tul dwar din is-sitwazzjoni li dwarha hi fid-dmir li tissolleva *ex officio* stante li l-kwistjoni hi wahda ta' ordni pubbliku. Dan il-punt kien trattat diversi drabi mill-Qrati taghna u ma hemm l-ebda konkluzzjoni dwaru ghajr illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija wahda nulla stante illi karenti mill-osservanza ta' formalita' essenzjali. Per ezemplari qed issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-26 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Daniel Farrugia. Konsegwentement qed tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett:

5. Issa fit-termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti ghandha tiddeciedi il-kaz mill-gdid hi stess. Dan izda ma huwiex possibbli ghaliex dan is-subartikolu japplika ghal dawk il-kazijiet fejn ix-xhieda jkunu instemghu quddiem l-ewwel Qorti anke jekk ma tkunx registrata. Fil-kaz odjern il-kaz tal-prosekuzzjoni prattikament qatt ma ghadda mill-ewwel stadju u dan ghaliex l-ewwel Qorti kienet cahdet it-talba taghha sabiex ix-xhud taghha tingieb b'mandat ta' arrest u jekk din il-Qorti tghaddi biex tisma' lil din ix-xhud hi tkun qed tippriva lill-partijiet mid-dritt ta' revizzjoni tal-proceduri fil-prim'istanza;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravju tal-Avukat Generali, tordna li l-atti jkunu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali sabiex il-kaz ikun deciz skond il-ligi.